KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 7 ta’ Mejju 2014
(OR. en)

9475/14

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2013/0402 (COD)**

PI 60
CODEC 1208

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| fi: | 14 ta’ Mejju 2014 |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| Nru. dok. preċ.: | 8461/14 PI 40 CODEC 987 + COR1 + ADD1 |
| Nru dok. Cion: | 17392/13 PI 178 CODEC 2842 + ADD 1-3 |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni ta' kompetenza u tan-negozju mhux żvelati (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom<br>- Approċċ Ġenerali |

## I. INTRODUZZJONI

1. Fit-28 ta’ Novembru 2013, il-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta’ proposta għal regoli ġodda rigward il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom. Il-bażi legali tal-abbozz tad-Direttiva huwa l-Artikolu 114 tat-TFUE li jipprevedi l-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku.

2. Din il-proposta hija fil-kuntest tal-inizjattiva ewlenija "Unjoni ta' Innovazzjoni", wieħed mill-pilastri tal-"Istrateġija UE 2020", li fiha l-Kummissjoni impenjat ruħha biex toħloq ambjent favur l-innovazzjoni. Fi ħdan dan il-qafas, il-Kummissjoni adottat strateġija komprensiva biex jiġi żgurat li s-Suq Uniku tal-proprjetà intellettwali jaħdem mingħajr intoppi. Din l-istrateġija testendi wkoll għal oqsma komplementari għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (IPRs) bħal sigrieti kummerċjali.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Marzu 2014

4. Il- Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Marzu 2014

5. Il-Parlament Ewropew s'issa għadu ma bediex id-diskussjonijiet.

## II. SITWAZZJONI ATTWALI

1. Il-Presidenza bdiet id-diskussjonijiet f'Jannar 2014 fil-livell ta' grupp ta' ħidma u deher ċar li l-għan globali tal-abbozz ta' Direttiva laħaq kunsens ġenerali bejn l-Istati Membri li laqgħu tajjeb din l-inizjattiva. Saru sitt laqgħat tal-grupp ta' ħidma u d-diskussjonijiet jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

L-Istati Membri qablu dwar il-ħtieġa li jiġi ddikjarat b'mod espliċitu fl-abbozz ta' Direttiva li l-liġi nazzjonali tista' tipprovdi għal protezzjoni aktar vasta kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali ta' sigrieti kummerċjali minn dik meħtieġa fl-abbozz ta' Direttiva (ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1). B'hekk, inħass xieraq li jiġi ċċarat li tali protezzjoni aktar vasta għandha tikkonforma ma' ċerti prinċipji, limiti u salvagwardji previsti fit-test li jimmiraw lejn l-iżgurar ta' qafas legali sod u bilanċjat, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-konvenut.

L-Istati Membri qablu li l-abbozz ta' Direttiva ma għandux ifixkel il-prerogattivi nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-liġi kriminali. L-Istati Membri kienu sodisfatti bil-formulazzjoni tal-Artikolu 5 u bl-ewwel sentenza tal-Premessa 8 li t-tnejn li huma jirreferu għal rimedju ċivili biss.

L-Istati Membri qablu wkoll li d-definizzjoni ta' sigriet kummerċjali fl-abbozz ta' Direttiva għandha tkun konformi mad-definizzjoni stabbilita fil-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (magħruf bħala l-Ftehim TRIPS).

L-Istati Membri ddiskutew dwar l-imġiba li għandha titqies bħala ksib illegali, użu u żvelar ta' sigriet kummerċjali (l-Artikolu 3). Minn din id-diskussjoni rriżulta li, filwaqt li jkun meħtieġ element ta' imġiba diżonesta, l-ebda kriterju ta' intenzjonalità jew negliġenza grossa mhu ser ikun meħtieġ għall-eżistenza ta' kondotta illegali fil-każ ta' dawk li jiksru l-liġi primarja (eż. dak li jieħu passi biex jikseb l-informazzjoni, dik li jikser dmir ta' kunfidenzjalità); madankollu, fil-prinċipju kriterju ta' għarfien għandu jkun meħtieġ fil-każ ta' riċevituri passivi ta' informazzjoni (il-partijiet terzi) għall-kondotta tagħhom li tkun illegali (mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà tal-Istati Membri li ma jeħtiġux dan il-kriterju fil-liġi nazzjonali tagħhom skont l-applikazzjoni tal-klawżola ta' armonizzazzjoni minima fl-Artikolu 1). Irriżulta ukoll minn din id-diskussjoni li espressjonijiet mislufa mil-liġi kriminali (eż. serq, tixħim) aħjar ma jintużawx fl-Artikolu 3 u li tali kondotta għandha tiġi deskritta f'termini oġġettivi.

L-Istati Membri ddiskutew il-ħtieġa li jiġi żgurat li persuni mhux ser ikunu responsabbli għall-ksib, l-użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali meta l-liġi teħtieġ jew tippermetti dan. Dan jikkonċerna, fost l-oħrajn, il-każ li fih l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jkunu awtorizzati li jiġbru informazzjoni biex iwettqu dmirijiethom. Dan wassal għall-introduzzjoni tal-paragrafu ġdid 1a fl-Artikolu 4.

Mid-diskussjoni rriżulta li wħud mill-miżuri, proċeduri u rimedji previsti fl-abbozz ta' Direttiva għandhom iqisu aħjar s-soluzzjonijiet eżistenti tad-dritt ċivili nazzjonali. Dan kien jikkonċerna b'mod partikolari l-konsegwenzi tal-litigazzjoni abbużiva – l-Artikolu 6(2) – u l-kwistjoni tal-perijodu ta' limitazzjoni – l-Artikolu 7. L-Istati Membri kienu wkoll tal-opinjoni li t-tul tal-perijodu ta' limitazzjoni għandu jiġi estiż meta mqabbel mal-Proposta tal-Kummissjoni.

L-Istati Membri sabu li l-mekkaniżmi għall-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità ta' informazzjoni previst fl-Artikolu 8 għandu jkun soġġett għal salvagwardji, rekwiżiti u limiti addizzjonali mmirati għat-tisħiħ taċ-ċertezza legali u r-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-partijiet għal proċess ġust.

L-Istati Membri qablu li kien meħtieġ li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jingħataw aktar flessibbiltà meta jkunu qed jivvalutaw il-ħtieġa għall-adozzjoni tal-mandati ta' inibizzjoni (kemm jekk definittivi jew proviżorji) u miżuri korrettivi – l-Artikoli 10(2) u 12(1).

Ħareġ mid-diskussjonijiet li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu reġim aktar favorevoli għall-impjegati tagħhom f'dak li jirrigwarda r-responsabbiltà għad-danni f'każ ta' ksib, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali – l-Artikolu 13(1).

2. Wara d-deliberazzjoni dwar il-Grupp ta' Ħidma tal-10 ta' April 2014 u l-kummenti bil-miktub mibgħuta mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza rrevediet it-test ta' kompromess kif jinsab fl-Anness għal dan id-dokument.

Il-bidliet **ewlenin** meta mqabbla mal-proposta **inizjali** li għaldaqstant huma inkorporati jindirizzaw l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq fil-punt 6 u, fil-qosor jikkonsistu fi :

- il-ħtieġa ta' armonizzazzjoni minima, li tippermetti lill-Istati Membri japplikaw miżuri aktar stretti (l-Artikolu 1),
- il-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali ta' sigrieti kummerċjali (Artikolu 3) fejn il-preżentazzjoni tal-każijiet ta' mġiba illegali ġiet issimplifikata u xi kjarifiki ġew miżjuda fl-Artikolu 4 dwar il-ksib legali ta' sigrieti kummerċjali,
- il-perijodu ta' limitazzjoni issa ġie estiż għal sitt snin (l-Artikolu 7),
- iż-żamma tal-kunfidenzjalità waqt il-proċeduri legali (l-Artikolu 8) fejn il-formulazzjoni l-ġdida tilħaq bilanċ bejn il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u d-dritt tal-partijiet għal proċess ġust.
- il-possibbiltà tal-kunsinna ta' oġġetti mhux konformi lil organizzazzjonijiet ta' karità, dispożizzjoni li ma għadhiex obbligatorja fil-kompromess (l-Artikolu 11.3),
- Danni u l-protezzjoni tal-impjegati (l-Artikolu 13).

## III. KONKLUŻJONI

7. **Il-<u>Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti</u> huwa mistieden biex:**

- **jilħaq qbil abbażi tat-test ta' kompromess tal-Presidenza kif jinsab fl-Anness għal din in-nota;**

- **jippreżenta t-test tal-approċċ ġenerali lill-<u>Kunsill Kompetittività</u> fis-26 ta' Mejju 2014; u**

- **jistieden lill-Kunsill biex**

  - **jikkonferma l-qbil dwar l-approċċ ġenerali u**
  - **jistieden lill-Presidenza biex tibda n-negozjati mal-Parlament Ewropew abbażi ta' dan l-approċċ ġenerali, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari.**

Bidliet għad-dok. 8461/14 huma indikati b'**<u>tipa grassa sottolinjata</u>** u …

**ANNESS**

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni ta' kompetenza u tan-negozju (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,
Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,
Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],
[…][2]
Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja[3],

1 ĠU C , , p. .
2 …
3 **Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' …. (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill ta' ….**

Billi:

(1) Negozji u istituzzjonijiet ta' riċerka mhux kummerċjali jinvestu fl-akkwist, l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' kompetenza u informazzjoni, li hija l-ingredjent ewlieni tal-ekonomija tal-għarfien. Dan l-investiment fil-ġenerazzjoni u l-applikazzjoni ta' kapital intellettwali jiddetermina l-kompetittività tagħhom fis-suq u għalhekk il-qligħ tagħhom mill-investiment, li huwa l-motivazzjoni fil-bażi tar-riċerka u l-iżvilupp tan-negozju. In-negozji jirrikorru għal mezzi differenti biex jaddattaw ir-riżultati tal-attivitajiet innovattivi tagħhom meta il-ftuħ ma jippermettix l-isfruttament sħiħ tal-investimenti tagħhom ta' riċerka u innovazzjoni. L-użu ta' drittijiet formali ta' proprjetà intellettwali bħal privattivi, drittijiet ta' disinn jew drittijiet tal-awtur hija waħda minn dawn l-attivitajiet. Attività oħra hi l-protezzjoni tal-aċċess u l-isfruttament tal-għarfien li huma ta' valur għall-entità u mhux magħrufa ħafna. Tali kompetenza u informazzjoni kummerċjali, li tinżamm mistura u bl-intenzjoni li tibqa' kunfidenzjali tissejjaħ sigriet kummerċjali. In-negozji, irrispettivament mid-daqs tagħhom, jagħtu valur lis-sigrieti kummerċjali daqs il-privattivi u forom oħra ta' dritt ta' proprjetà intellettwali u jużaw il-kunfidenzjalità bħala għodda ta' kompetittività tan-negozju u ta' ġestjoni tal-innovazzjoni fir-riċerka, u dawn ikopru firxa diversifikata ta' informazzjoni, li testendi lil hinn mill-informazzjoni teknoloġika għal data kummerċjali bħal informazzjoni dwar il-konsumaturi u l-fornituri (li tista' tinvolvi data personali), pjanijiet tan-negozju jew riċerka u strateġiji tas-suq. Bil-protezzjoni ta' tali firxa wiesgħa ta' kompetenzi u informazzjoni kummerċjali, kemm bħala ħaġa komplementari jew bħala alternattiva għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, is-sigrieti kummerċjali jippermettu lill-awtur jikseb profitt mill-ħolqien u l-innovazzjonijiet tiegħu u għalhekk huma partikolarment importanti għall-kompetittività tan-negozju kif ukoll għar-riċerka u l-iżvilupp u l-prestazzjoni innovattiva.

(2) Innovazzjoni miftuħa hija lieva importanti għall-ħolqien ta’ għarfien ġdid u tirfed l-iżvilupp ta’ mudelli ta’ negozju ġodda u innovattivi bbażati fuq l-użu ta’ għarfien maħluq b'mod konġunt. Sigrieti kummerċjali għandhom rwol importanti fil-ħarsien tal-iskambju tal-għarfien bejn in-negozji u l-istituzzjonijiet ta' riċerka fi ħdan u lil hinn mill-fruntieri tas-suq intern fil-kuntest tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Ir-riċerka kollaborattiva, inkluża l-kooperazzjoni transkonfinali, hija partikolarment importanti biex iżżid il-livelli ta’ riċerka u żvilupp tan-negozju fi ħdan is-suq intern. Innovazzjoni miftuħa hija katalist għal ideat ġodda biex isibu triqthom lejn is-suq biex jissodisfaw il-ħtiġiet tal-konsumaturi u jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà. F’suq intern fejn ostakoli għal tali kollaborazzjoni transkonfinali huma minimizzati u fejn il-kooperazzjoni ma tiġix distorta, il-kreazzjoni intellettwali u l-innovazzjoni għandhom iħeġġu investiment fi proċessi, servizzi u prodotti innovattivi. Tali ambjent li jwassal għall-kreattività intellettwali u l-innovazzjoni huwa importanti wkoll għat-tkabbir fl-impjiegi u titjib tal-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni. Is-sigrieti kummerċjali huma fost l-aktar forma użata ta’ protezzjoni tal-kreazzjoni intellettwali u tal-kompetenza innovattiva min-negozji, iżda huma fl-istess ħin l-inqas protetti minn qafas legali tal-Unjoni eżistenti kontra l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali minn partijiet oħra.

(3) Negozji innovattivi huma dejjem aktar esposti għal prattiki qarrieqa bil-għan li jużaw b'mod qarrieq sigrieti kummerċjali, bħal serq, ikkupjar mhux awtorizzat, spjunaġġ ekonomiku, ksur tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità, kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra l-Unjoni. Żviluppi riċenti, bħalma huma l-globalizzazzjoni, iż-żieda fl-esternalizzazzjoni, perjodi itwal ta' katini tal-provvista, użu akbar ta' teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni, jikkontribwixxu biex jiżdied ir-riskju ta' dawk il-prattiki. Il-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigrieti kummerċjali jikkompromettu l-abbiltà leġittima tad-detentur tas-sigriet li jinkiseb redditu tal-prekursur bl-użu tal-outputs tal-isforzi innovattivi tiegħu. Mingħajr mezzi legali effettivi u komparabbli biex jiddefendu s-sigrieti kummerċjali madwar l-Unjoni, huma mhedda l-inċentivi innovattivi biex wieħed jinvolvi ruħu f'attività transkonfinali fi ħdan is-suq intern u s-sigrieti kummerċjali ma humiex f'pożizzjoni li jilħqu l-potenzjal tagħhom bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. Għalhekk, l-innovazzjoni u l-kreattività huma skoraġġiti u l-investiment jonqos, u dan jaffettwa l-funzjonament mingħajr skossi tas-suq intern u jimmina l-potenzjal tiegħu li jsaħħaħ it-tkabbir.

(4) L-isforzi internazzjonali magħmula fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ biex tiġi indirizzata din il-problema wasslu għall-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Aspetti Relatati mal-Kummerċ tal-Proprjetà Intellettwali (il-Ftehim TRIPS). Dan jinkludi, fost l-oħrajn, dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali kontra l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tagħhom minn partijiet terzi, li huma standards internazzjonali komuni. L-Istati Membri kollha, kif ukoll l-Unjoni nnifisha, huma marbuta b'dan il-Ftehim li ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE[4].

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehimiet milħuqa fin-negozjati multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

(5) Minkejja l-Ftehim TRIPS, hemm differenzi importanti fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali kontra l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tagħhom minn persuni oħra. Għalhekk, pereżempju, mhux l-Istati Membri kollha adottaw definizzjonijiet nazzjonali tas-sigrieti kummerċjali u/jew l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigrieti kummerċjali, u b'hekk l-ambitu tal-protezzjoni mhuwiex faċilment aċċessibbli u huwa differenti madwar l-Istati Membri. Barra minn hekk, ma hemmx konsistenza fir-rigward tar-rimedji disponibbli tal-liġi ċivili fil-każ tal-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali u l-ordnijiet ta' waqfien u ebda tkomplija mhux dejjem ikunu disponibbli fl-Istati Membri kollha kontra partijiet terzi li ma jkunux kompetituri tad-detentur leġittimu tas-sigriet kummerċjali. Id-diverġenzi jeżistu wkoll madwar l-Istati Membri fir-rigward tat-trattament ta' partijiet terzi li kisbu sigriet kummerċjali in bona fede iżda sussegwentement jiskopru, waqt l-użu, li l-akkwist tagħhom ġie minn akkwist illegali preċedenti ta' parti oħra.

(6) Ir-regoli nazzjonali jvarjaw ukoll dwar jekk id-detenturi leġittimi ta' sigriet kummerċjali jistgħux ifittxu l-qerda ta' oġġetti mmanifatturati minn partijiet terzi li jużaw illegalment sigrieti kummerċjali jew ir-ritorn jew il-qerda ta' kwalunkwe dokumenti, fajls jew materjal li jkun fihom jew li jimplimentaw l-akkwist jew l-użu illegali tas-sigriet kummerċjali. Barra minn hekk, ir-regoli nazzjonali applikabbli dwar il-kalkolu ta' danni mhux dejjem iqisu n-natura intanġibbli tas-sigrieti kummerċjali, li jagħmilha diffiċli biex wieħed juri l-profitti attwali mitlufa jew l-arrikkiment inġust tal-kontraventur fejn l-ebda valur fis-suq jista' jiġi stabbilit għall-informazzjoni inkwistjoni. Ftit Stati Membri biss jippermettu l-applikazzjoni ta' regoli astratti dwar il-kalkolu tad-danni abbażi ta' royalty jew miżata raġonevoli li setgħet kienet dovuta li kieku kienet teżisti liċenzja għall-użu tas-sigriet kummerċjali. Barra minn hekk, diversi regoli ta' Stati Membri ma jipprevedux protezzjoni adegwata tal-kunfidenzjalità tas-sigriet kummerċjali jekk id-detentur tas-sigriet kummerċjali jintroduċi pretensjoni għal allegat ksib, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali minn parti terza, u b'hekk titnaqqas l-attrazzjoni tal-miżuri u r-rimedji eżistenti u tiddgħajjef il-protezzjoni offruta.

(7) Id-differenzi fil-protezzjoni legali tas-sigrieti kummerċjali previsti mill-Istati Membri jimplikaw li s-sigrieti kummerċjali ma jgawdux livell ekwivalenti ta' protezzjoni madwar l-Unjoni, ħaġa li twassal għal frammentazzjoni tas-suq intern f'dan il-qasam u li jdgħajjef b'mod ġenerali l-effett disswaживі tar-regoli. Is-suq intern huwa affettwat sa fejn u sakemm dawn id-differenzi jnaqqsu l-inċentivi tan-negozji li jidħlu għal attività innovattiva relatata transkonfinali, inkluża kooperazzjoni ta' riċerka jew manifattura ma' imsieħba, esternalizzazzjoni jew investiment fi Stati Membri oħra, li jiddependu mill-użu tal-informazzjoni protetta bħala sigriet kummerċjali. Riċerka u żvilupp transkonfinali kif ukoll attivitajiet relatati mal-innovazzjoni, inkluż kummerċ relatat mal-manifattura u sussegwentement ta' natura transkonfinali, se jsiru anqas attraenti u aktar diffiċli fl-Unjoni, u b'hekk naslu għal ineffiċjenzi relatati mal-innovazzjoni fuq l-iskala tal-Unjoni. Barra minn hekk, jidher riskju akbar ta' negozju fi Stati Membri b'livelli komparattivament iktar baxxi ta' protezzjoni, fejn is-sigrieti kummerċjali jistgħu jinsterqu jew akkwistati b'xi mod ieħor illegali ieħor iktar faċilment. Dan iwassal għal allokazzjoni ineffiċjenti tal-kapital għal innovazzjoni li ssaħħaħ it-tkabbir fi ħdan is-suq intern minħabba n-nefqa akbar fuq miżuri protettivi li jikkumpensaw għan-nuqqas ta' protezzjoni legali insuffiċjenti f'xi Stati Membri. Dan jiffavorixxi wkoll attività ta' kompetituri inġusti li wara l-ksib illegali tas-sigrieti kummerċjali jistgħu jifirxu l-oġġetti riżultanti fis-suq intern kollu. Differenzi fir-reġim leġislattiv jiffaċilitaw ukoll l-importazzjoni ta' oġġetti minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni permezz ta' punti ta' dħul bi protezzjoni aktar dgħajfa, meta d-disinn, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' dawk l-oġġetti jiddependu fuq sigrieti kummerċjali misruqa jew akkwistati illegalment b'mod ieħor. B'mod ġenerali, dawn id-differenzi joħolqu ħsara għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(8) Huwa xieraq li jkun hemm provvediment għal regoli fil-livell tal-Unjoni biex issir l-approssimazzjoni sistemi tal-leġislazzjonijiet nazzjonali sabiex ikun żgurat livell suffiċjenti u konsistenti ta' rimedji ċivili fis-suq intern f'każ tal-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali**, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jipprevedu protezzjoni aktar estensivi kontra l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigrieti kummerċjali sakemm is-salvagwardji li jipproteġu l-interessi ta' partijiet oħra jiġu rispettati.** Għal dan l-għan, huwa importanti li wieħed jistabbilixxi definizzjoni omoġenea ta' sigriet kummerċjali mingħajr ma jirrestrinġi s-suġġett in kwistjoni għal protezzjoni kontra l-miżappropriјazzjoni. Din id-definizzjoni għandha għalhekk tiġi mibnija b'tali mod li tkopri l-informazzjoni tan-negozju, informazzjoni u kompetenza teknoloġika fejn hemm kemm interess leġittimu li tinżamm kunfidenzjalità kif ukoll aspettattiva leġittima fil-preservazzjoni ta' tali kunfidenzjalità. Barra minn hekk, tali informazzjoni **jew** kompetenza għandu jkollha valur kummerċjali, kemm jekk attwali jew inkella potenzjali. Tali informazzjoni jew kompetenza għandha valur kummerċjali speċjalment fejn il-ksib, l-użu jew l-iżvelar mhux awtorizzat tagħha x'aktarx jagħmel ħsara lill-interessi tal-persuna li legalment tikkontrollaha, billi jipperikola l-potenzjal xjentifiku u tekniku ta' din il-persuna, in-negozju jew l-interessi finanzjarji tagħha, il-pożizzjonijiet strateġiċi jew il-kapaċità tagħha li tikkompeti. Min-natura tagħha, din id-definizzjoni għandha teskludi informazzjoni trivjali u ma għandhiex testendi għall-għarfien u l-ħiliet miksuba mill-impjegati fil-kors normali tal-impjieg tagħhom u li huma magħrufa jew aċċessibbli faċilment għal persuni li ġeneralment jittrattaw dan it-tip ta' informazzjoni.

(9) Huwa importanti wkoll li jiġu identifikati ċ-ċirkostanzi li taħthom il-protezzjoni legali hija ġġustifikata. Għal din ir-raġuni, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti kondotta u prattiki li għandhom jitqiesu bħala ksib, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali. […][5]

[5] …

(10) Fl-interess tal-innovazzjoni u biex titrawwem il-kompetizzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma għandhomx joħolqu l-ebda dritt esklużiv fuq il-kompetenza jew l-informazzjoni protetta bħala sigriet kummerċjali. B'hekk, l-iskoperta indipendenti ta din l-istess kompetenza **jew** informazzjoni tibqa' possibbli. Id-dekompilazzjoni (reverse engineering) ta' prodott **akkwistat legalment** hija mezz legali kif tinkiseb l-informazzjoni ħlief meta jkun miftiehem mod ieħor permezz ta' kuntratt. Il-libertà li wieħed jidħol f'arranġamenti kuntrattwali bħal dawn tista', madankollu, tkun limitata bil-liġi, bħal fil-każ tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6].

[6] Id-Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter, ĠU L 111, 5.5.2009, p. 16.

(10a) **Barra minn hekk, il-ksib, l-użu jew l-iżvelar ta' sigrieti kummerċjali, kull meta imposti jew permessi mil-liġi, ma għandhomx jitqiesu bħala illegali. B'riżultat ta' dan, il-ksib jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji għat-twettiq ta' dmirijiethom għandu jkun legali. Barra minn hekk, l-iżvelar ta' informazzjoni relatata man-negozju mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni jew l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, li huma jżommu skont l-obbligi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] jew skont regoli oħra dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti jew dawk dwar l-obbligi ta' trasparenza tal-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, ma għandux jitqies bħala żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali. Il-ksib u l-iżvelar ta' sigrieti kummerċjali fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-drittijiet tar-rappreżentanti tal-ħaddiema għall-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni f'konformità mal-liġi jew il-prattiki tal-Unjoni u dawk nazzjonali, u d-difiża kollettiva tal-interessi tal-ħaddiema u ta' min iħaddem, inkluża l-kodeterminazzjoni, huma wkoll esklużi mill-ambitu ta' ksib illegali, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dmir ta' kunfidenzjalità impost fuq min jirċievi l-informazzjoni hekk miksuba. Il-ksib jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali fil-kuntest ta' awditi statutorji mwettqa f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali lanqas ma għandu jitqies bħala kondotta illegali.**

[7] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43)

**(10b) Il-mezzi tal-informazzjoni spiss jippubblikaw data jew informazzjoni kkunsidrati minn parti oħra bħala sigriet kummerċjali iżda l-pubblikazzjoni tagħha tista' tkun ta' interess pubbliku. B'riżultat ta' dan, huwa importanti li l-miżuri u r-rimedji previsti m'għandhomx jirrestrinġu l-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni (li tinkludi l-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-informazzjoni kif rifless fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea) meta dan ikun leġittimu.**

**(10c) Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa d-dritt tal-imsieħba soċjali li jidħlu fi ftehimiet kollettivi, fejn previst skont il-liġi tax-xogħol, fir-rigward ta' dmirijiet li ma jiżvelawx sigriet kummerċjali jew li jillimitaw l-użu tiegħu u l-konsegwenzi għall-ksur ta' tali dmirijiet mill-parti soġġetta għalihom, dment li kwalunkwe tali ftehim kollettiv ma jkunx jirrestrinġi s-salvagwardji li jikkonċernaw l-eċċezzjonijiet f'din id-Direttiva meta applikazzjoni għall-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji prevista f'din id-Direttiva għall-ksib, l-użu u l-iżvelar allegat ta' sigriet kummerċjali għandha tiġi miċħuda.**

(11) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-miżuri u r-rimedji maħsuba biex jipproteġu s-sigrieti kummerċjali għandhom ikunu mfassla sabiex jissodisfaw l-objettiv tal-funzjonament tas-suq intern bla xkiel għar-riċerka u l-innovazzjoni mingħajr ma jipperikolaw l-għanijiet u l-prinċipji l-oħra ta' interess pubbliku. F'dan ir-rigward, il-miżuri u r-rimedji jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jagħtu kont ta' fatturi bħall-valur ta' sigriet kummerċjali, is-serjetà tal-kondotta li tirriżulta fil-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali kif ukoll l-impatt ta' kondotta bħal din. Għandu jiġi żgurat ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jingħataw id-diskrezzjoni li jiżnu l-interessi tal-partijiet involuti fit-tilwima, kif ukoll l-interessi ta' partijiet terzi inkluż, fejn xieraq, il-konsumaturi.

(12) Il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern jiġi imminat jekk il-miżuri u r-rimedji previsti jintużaw biex ikunu segwiti għanijiet illeġittimi inkompatibbli mal-objettivi ta’ din id-Direttiva. Għalhekk, huwa importanti li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħhom jingħataw is-setgħa li jadottaw miżuri adegwati fir-rigward ta’ imġiba abbużiva minn rikorrenti li jaġixxu b’mod abbużiv jew in mala fede u jippreżentaw b'mod evidenti applikazzjonijiet li jidhru li huma bla bażi, pereżempju, l-iskop li jiddewwem jew jiġi ristrett b'mod inġust l-aċċess tal-intimat għas-suq jew inkella jiġi intimidat jew immolestat l-intimat. Huwa importanti wkoll li l-miżuri u r-rimedji previsti m'għandhomx jirrestrinġu attività ta' kxif ta' qerq. Għalhekk il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali m’għandhiex tiġi estiża għal każijiet fejn l-iżvelar ta’ sigriet kummerċjali jservi l-interess pubbliku safejn hu kkonċernat l-iżvelar tal-kondotta jew l-għemil ħażin relevanti.

(13) Fl-interess taċ-ċertezza legali u meta wieħed iqis li d-detenturi leġittimi tas-sigrieti kummerċjali huma mistennija jeżerċitaw id-dmir li joqgħodu attenti fir-rigward tal-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali siewja tagħhom u l-monitoraġġ tal-użu tagħhom, jidher xieraq li wieħed jirrestrinġi **talb sostantiv jew** il-possibbiltà li jinbdew azzjonijiet għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali għal perijodu limitat.

(14) Il-prospett li jitilfu l-kunfidenzjalità tas-sigriet kummerċjali matul proċeduri kontenzjużi spiss jiskoraġġixxi lid-detentur leġittimu tas-sigriet kummerċjali milli jibda proċeduri sabiex jiddefendi s-sigrieti kummerċjali, u dan jipperikola l-effikaċja tal-miżuri u r-rimedji previsti. Għal din ir-raġuni, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti, soġġett għal salvagwardji xierqa li jiżguraw id-dritt għal proċess ġust, rekwiżiti speċifiċi bil-għan li jipproteġu l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali li jitressqu fil-kors ta' proċedimenti legali istitwiti għad-difiża tiegħu. Dawn għandhom jinkludu l-possibbiltà li jiġi ristrett il-grupp ta' persuni intitolati li jkollhom l-aċċess għal provi jew seduti, jew li jiġu ppubblikati biss elementi mhux kunfidenzjali ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji. **Biex ikun żgurat li d-dritt tal-partijiet għal proċess ġust ma jixxekkilx, meta l-grupp ta' persuni intitolati li jkollhom aċċess għal evidenza jew smigħ huwa ristrett, mill-inqas persuna waħda minn kull parti u l-avukat jew ir-rappreżentant rispettiv tagħha għandu jifforma parti minn dak il-grupp. Barra minn hekk, fil-każ li l-parti tkun persuna ġuridika, l-għadd ta' persuni fiżiċi ġewwa dak il-grupp għandhom ikunu tali li jiżguraw rappreżentazzjoni xierqa ta' dik il-persuna ġuridika.** Protezzjoni bħal din għandha tibqa' fis-seħħ wara li jintemmu l-proċedimenti legali għat-tul ta' żmien li fih l-informazzjoni li tkun koperta mis-sigriet kummerċjali ma tkunx fl-isfera pubblika.

(15) Il-ksib illegali ta’ sigriet kummerċjali minn parti terza jista’ jkollu effetti devastanti fuq id-detentur leġittimu tiegħu minħabba li ġaladarba jiġi żvelat pubblikament ikun impossibbli għal dak id-detentur li jmur lura għas-sitwazzjoni ta' qabel it-telf tas-sigriet kummerċjali. Bħala riżultat, huwa essenzjali li jiġu previsti miżuri proviżorji rapidi, effettivi u aċċessibbli għat-terminazzjoni immedjata tal-ksib illegali, l-użu jew l-iżvelar ta’ sigriet kummerċjali, inkluż meta tali sigriet kummerċjali jintuża għall-forniment ta’ servizzi. Tali rimedju għandu jkun disponibbli mingħajr ma wieħed ikollu għalfejn jistenna deċiżjoni dwar is-sustanza tal-każ, b’rispett dovut għad-drittijiet tad-difiża u l-prinċipju ta’ proporzjonalità filwaqt li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi tal-każ inkwistjoni. **F’ċerti każijiet, il-persuna li allegatament wettqet il-ksur tista’ tkun permessa, soġġetta għall-għoti ta' garanziji, li tkompli tuża sigriet kummerċjali jew tiżvelah, fejn ftit li xejn hemm riskju li dan ser jidħol fid-dominju pubbliku.** Garanziji ta’ livell għoli biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż u l-ħsara kkawżata lill-intimat permezz ta’ talba mhux ġustifikata jistgħu jkunu meħtieġa wkoll, partikolarment fejn kull dewmien jista’ jikkawża danni irreparabbli għad-detentur leġittimu ta’ sigriet kummerċjali.

(16) Għall-istess raġuni, huwa importanti wkoll li jiġu previsti miżuri li jipprevjenu aktar użu jew żvelar illegali ta’ sigriet kummerċjali, inkluż meta tali sigriet kummerċjali jintuża għall-forniment ta' servizzi. Sabiex il-miżuri projbittivi jkunu effettivi, it-tul ta’ żmien tagħhom, meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu limitazzjoni ta' żmien, għandu jkun biżżejjed biex jelimina kwalunkwe vantaġġ kummerċjali li l-parti terza setgħet tikseb mill-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali. Fi kwalunkwe każ, l-ebda miżura ta’ dan it-tip ma għandha tkun infurzabbli jekk l-informazzjoni oriġinarjament koperta mis-sigriet kummerċjali hija fid-dominju pubbliku għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lill-intimat.

(17) Sigriet kummerċjali jista' jiġu użat illegalment għad-disinn, il-manifattura jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti, jew komponenti tagħhom, li jistgħu jinfirxu mas-suq intern kollu, u b'hekk jaffettwaw l-interessi kummerċjali tad-detentur tas-sigriet kummerċjali u l-funzjonament tas-suq intern. F'dawk il-każijiet u meta s-sigriet kummerċjali in kwistjoni għandu impatt sinifikanti fuq il-kwalità, il-valur jew il-prezz tal-oġġett riżultanti jew fuq it-tnaqqis tal-kost, l-iffaċilitar jew li it-tħaffif tal-manifattura tiegħu jew il-proċessi tal-kummerċjalizzazzjoni, huwa importanti li l-awtoritajiet ġudizzjarji jingħataw is-setgħa biex jordnaw miżuri effettivi u xierqa bil-ħsieb li jiżguraw li dawk il-prodotti ma jitqegħdux fis-suq jew jitneħħew minnu. Meta tittieħed f'kunsiderazzjoni in-natura globali tal-kummerċ, huwa wkoll meħtieġ li dawn il-miżuri jinkludu l-projbizzjoni tal-importazzjoni ta' dawk l-oġġetti fl-Unjoni jew il-ħażna tagħhom għall-għoti jew it-tqegħid tagħhom fis-suq. Wara li ġie kkunsidrat il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-miżuri korrettivi ma għandhom neċessarjament iwasslu għall-qerda tal-oġġetti meta għażliet vijabbli oħra huma preżenti, bħal li wieħed iċaħħad lill-oġġett mill-kwalità tal-infrazzjoni tiegħu jew id-dispożizzjoni tal-oġġetti 'il barra mis-suq, pereżempju, permezz ta' donazzjonijiet li minn organizzazzjonijiet tal-karità.

(18) Persuna oriġinarjament setgħet akkwistat sigriet kummerċjali in bona fede iżda kien fi stadju aktar tard li saret konxja, inkluż permezz ta' avviż ippreżentat mid-detentur oriġinali tas-sigriet kummerċjali, li l-għarfien tagħha tas-sigriet kummerċjali in kwistjoni kien derivat minn sorsi li użaw jew żvelaw sigriet kummerċjali rilevanti b'tali mod li tikser il-liġi. Sabiex jiġi evitat li f'dawn iċ-ċirkostanzi il-miżuri korrettivi jew inġunzjonijiet pprovduti jistgħu jikkawżaw dannu sproporzjonat lil dik il-persuna, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-possibbiltà, f'każijiet xierqa, ta' kumpens fi flus mogħtija lill-parti danneġġjata bħala miżura alternattiva, sakemm tali kumpens ma jaqbiżx l-ammont ta' royalties jew miżati li kienu jkunu dovuti kieku dik il-persuna kisbet awtorizzazzjoni biex tuża s-sigriet kummerċjali in kwistjoni, għall-perjodu ta' żmien li matulu l-użu tas-sigriet kummerċjali seta' ġie evitat mid-detentur oriġinali tas-sigriet kummerċjali. Madankollu, fejn l-użu illegali ta' sigriet kummerċjali jikkostitwixxi infrazzjoni ta' liġi lil hinn minn dak previst f'din id-Direttiva jew li x'aktarx ikun ta' dannu għall-konsumaturi, tali użu illegali m'għandux ikun permess.

(19) Sabiex jiġi evitat li persuna li konxjament, jew li kellha raġunijiet serji biex tkun taf, takkwista, tuża jew tiżvela illegalment sigriet kummerċjali tibbenefika minn kondotta ta' dan it-tip u biex jiġi żgurat li detentur ta' sigriet kummerċjali danneġġjat, sa fejn ikun possibbli, jitqiegħed f'pożizzjoni li fiha kien ikun li kieku l-kondotta ma seħħitx, huwa meħtieġ li jkun hemm provvediment għal kumpens adegwat tal-preġudizzju li sofra bħala riżultat ta' kondotta illegali. L-ammont ta' danni mogħtija lil detentur ta' sigriet kummerċjali danneġġjat għandu jqis il-fatturi pertinenti kollha, bħal telf ta' dħul imġarrab mid-detentur ta' sigriet kummerċjali jew qligħ inġust li jkun għamel il-kontraventur u, fejn xieraq, kwalunkwe preġudizzju morali ikkawżat lid-detentur ta' sigriet kummerċjali. Bħala alternattiva, pereżempju fejn, meta wieħed iqis in-natura intanġibbli tas-sigrieti kummerċjali, jkun diffiċli li wieħed jiddetermina l-ammont tal-preġudizzju attwali li ġie soffert, l-ammont tad-danni jista' joħroġ minn elementi bħar-royalties jew il-miżati li kienu jkunu dovuti kieku l-kontraventur kien talab l-awtorizzazzjoni biex juża s-sigriet kummerċjali in kwistjoni. L-għan huwa li ma tiġix introdotta obbligazzjoni biex tipprovdi għall-ħsara punittiva imma biex tiżgura kumpens ibbażat fuq kriterji oġġettivi waqt li tikkunsidra l-ispejjeż li jkun bata d-detentur tas-sigriet kummerċjali, bħall-ispejjeż ta' identifikazzjoni u riċerka. **Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa l-prinċipji nazzjonali dwar ir-responsabbiltà għal ksur ta' dmirijiet uffiċjali.**

(20) Sabiex ikun hemm deterrent supplimentari kontra l-kontraventuri futuri u biex ikun hemm kontribut għal kuxjenza tal-pubbliku ġenerali, huwa utli li wieħed jippubbliċizza deċiżjonijiet, inkluż, fejn xieraq, permezz ta' reklami prominenti, f'każijiet li jikkonċernaw l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali, sakemm din il-pubblikazzjoni ma tirriżultax fl-iżvelar tas-sigrieti kummerċjali u lanqas ma teffettwa b'mod sproporzjonat il-privatezza u r-reputazzjoni ta' persuni fiżiċi.

(21) L-effettività tal-miżuri u rimedji disponibbli għad-detenturi tas-sigrieti kummerċjali jistgħu jkunu mminati f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-deċiżjonijiet relevanti adottati mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti. Għal din ir-raġuni, huwa neċessarju li jiġi żgurat li dawk l-awtoritajiet ikollhom is-setgħat xierqa ta' sanzjoni.

(22) Sabiex tiġi ffaċilita l-applikazzjoni uniformi tal-miżuri għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, huwa xieraq li jiġu pprovduti sistemi ta' kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, fuq naħa waħda, u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fuq in-naħa l-oħra, b'mod partikolari bil-ħolqien ta' netwerk ta' korrispondenti maħtura mill-Istati Membri. Barra minn hekk, bil-għan li jiġi rieżaminat jekk dawn il-miżuri jissodisfawx l-għanijiet maħsuba għalihom, il-Kummissjoni, megħjuna, kif xieraq, mill-Osservatorju Ewropew dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, għandha teżamina l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u l-effettività tal-miżuri nazzjonali meħuda.

(23) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, il-libertà tal-għażla tal-mestier u d-dritt għax-xogħol, il-libertà li wieħed ikollu negozju, id-dritt għal proprjetà, id-dritt għal amministrazzjoni tajba, aċċess għall-fajl u l-preservazzjoni tas-segretezza tan-negozju, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust u d-dritt għal difiża.

(24) Huwa importanti li d-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali ta' kwalunkwe persuna li d-data personali tagħha tista' tkun protetta bħala sigriet kummerċjali mid-detentur tas-sigriet kummerċjali jew ta' kwalunkwe persuna involuta f'litigazzjoni li tikkonċerna l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali u li d-data personali tagħha hija pproċessata jiġu rrispettati. Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] tirregola l-ipproċessar tad-data personali li jsir fl-Istati Membri fil-kuntest ta' din id-Direttiva u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-awtoritajiet indipendenti pubbliċi maħtura mill-Istati Membri. Għalhekk, din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi stipulati fid-Direttiva 95/46/KE, b'mod partikolari d-drittijiet tad-data soġġetta għall-aċċess tad-data personali tiegħu jew tagħha li tkun qed tiġi pproċessata u biex tinkiseb rettifika, tħassir jew imblokk tad-data fejn din ma tkunx kompluta jew mhux preċiża u, fejn ikun xieraq, l-obbligu li tiġi pproċessata data sensittiva f'konformità mal-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46/KE.

[8] Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

(25) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, biex is-suq intern jiffunzjona mingħajr skossi permezz tal-istabbiliment ta' rimedju suffiċjenti u ta' livell komparabbli fis-suq intern kollu fil-każ ta' akkwist, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità msemmi f'dak l-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx aktar milli neċessarju biex jintlaħaq l-objettiv.

(26) Din id-Direttiva m'għandux ikollha l-mira li tistabbilixxi regoli armonizzati għall-koperazzjoni ġudizzjarja, ġurisdizzjoni, rikonoxximent u infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, jew li tittratta mal-liġi applikabbli. Strumenti oħra tal-Unjoni li jirregolaw affarijiet bħal dawn f'termini ġenerali, fil-prinċipju, għandhom jibqgħu ugwalment applikabbli għall-qasam kopert minn din id-Direttiva.

(27) Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-liġi tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva m'għandhomx ikunu użati biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni mingħajr bżonn f'manjiera li jmur kontra dak it-Trattat.

**(28) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001[9] u ta opinjoni fit-12 ta' Marzu 2014[10].**

[9] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji u dwar il-moviment ħieles ta' tali data (ĠU L 8, 12.1.2001, p.1)

[10] ĠU C …

(28) Il-miżuri adottati sabiex iħarsu l-akkwist, l-iżvelar u l-użu illegali tas-sigrieti kummerċjali ma għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni ta' kwalunkwe liġi oħra rilevanti f'oqsma oħra inklużi d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-privatezza, l-aċċess għad-dokumenti, u liġi ta' kuntratt. Madankollu, fejn l-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] u l-ambitu ta' din id-Direttiva jidħlu f'xulxin, din id-Direttiva tieħu preċedenza bħala lex specialis.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## Kapitolu I
## Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

### *Artikolu 1*
### *Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*

Din id-Direttiva tistipula regoli dwar il-protezzjoni kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, protezzjoni aktar estensiva kontra l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigrieti kummerċjali minn dik rekwiżita f'din id-Direttiva, sakemm tkun żgurata l-konformità mal-Artikoli 4, 5, **l-Artikolu** 6(1), **l-Artikolu** 7, **it-**tieni paragrafu **tal-Artikolu 8(1)**, **l-Artikoli** 8(3), 8(4), 9(2), **l-Artikoli** 10, 12 u **l-Artikoli** 14(3).

[11] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/48/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU L157, 30.4.2004, p.45).

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'sigriet kummerċjali' jfisser informazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) hu sigriet fis-sens li mhux, bħala korp jew fil-konfigurazzjoni preċiża u l-assemblaġġ tal-komponenti tiegħu, magħruf ġeneralment jew aċċessibbli b'mod faċli lill-persuni li ġeneralment jittrattaw din it-tip ta' informazzjoni;

(b) għandu valur kummerċjali minħabba li hu sigriet;

(c) kien soġġett għal passi raġonevoli taħt iċ-ċirkostanzi, mill-persuna li għandha l-kontroll legali ta' l-informazzjoni, biex jinżamm sigriet;

(2) 'detentur tas-sigriet kummerċjali' jfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li legalment tikkontrolla sigriet kummerċjali;

(3) 'kontraventur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun akkwistat, użat jew żvelat illegalment sigrieti kummerċjali;

(4) 'oġġetti kontraventorji' tfisser oġġetti li d-disinn, il-kwalità, il-funzjonament**,** il-proċess ta' fabbrikazzjoni jew kummerċjalizzazzjoni tagħhom b'mod sinifikanti jibbenefikaw minn sigrieti kummerċjali akkwistati, użati jew żvelati illegalment.

## Kapitolu II

## Il-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali ta' sigrieti kummerċjali

### *Artikolu 3*

### *Il-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali, ta' sigrieti kummerċjali*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detenturi tas-sigrieti kummerċjali huma intitolati japplikaw għall-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva biex jipprevjenu, jew jiksbu rimedju għall-akkwist, l-użu jew l-iżvelar illegali, tas-sigriet kummerċjali **taghhom**.

2. Il-ksib ta' sigriet kummerċjali mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali għandu jkun meqjus bħala illegali kull meta jitwettaq permezz ta':

(a) aċċess mhux awtorizzat għal**,** l-ikkupjar jew l-approprjazzjoni ta' kwalunkwe dokument, oġġett, materjal, sustanza jew fajl elettroniku, legalment taħt il-kontroll tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, li fihom sigrieti kummerċjali jew li minnhom wieħed jista' jiddeduċi sigrieti kummerċjali;

(b) imħassar

(c) imħassar;

(d) imħassar;

(e) imħassar;

(f) kwalunkwe mġiba oħra li, taħt iċ-ċirkostanzi, hija kkunsidrata kuntrarja għall-prattika kummerċjali onesta.

3. L-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali għandu jitqies bħala illeġittimu kull meta jitwettaq, mingħajr il-kunsens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali minn persuna li nstabet li tissodisfa waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) **kisbet** is-sigriet kummerċjali illegalment;

(b) **tkun** qed tikser ftehim ta' kunfidenzjalità jew kwalunkwe dover ieħor biex ma tiżvelax is-sigriet kummerċjali;

(c) **tkun** qed tikser kuntratt jew kull dover ieħor li jillimita l-użu tas-sigriet kummerċjali.

4. Il-ksib, l-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali għandhom ukoll ikunu meqjusa bħala illegali kull meta persuna, waqt il-ksib, l-użu jew l-iżvelar, kienet taf jew fiċ-ċirkostanzi kellha tkun taf li sigriet kummerċjali inkiseb **direttament jew indirettament** minn persuna oħra li kienet qed tuża jew tiżvela sigriet kummerċjali b'mod illegali fis-sens tal-paragrafu 3.

5. Il-produzzjoni, l-offerta jew it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti kontraventorji, jew l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew il-ħażna tal-oġġetti kontraventorji għal dawk il-finijiet, għandhom ukoll ikunu kkunsidrati bħala użu illegali ta' sigriet kummerċjali meta persuna li twettaq attivitajiet bħal dawn kienet taf, jew kellha, taħt iċ-ċirkostanzi, tkun taf li s-sigriet kummerċjali ntuża illegalment skont it-tifsira tal-paragrafu 3.

*Artikolu 4*

*Il-ksib, l-użu u l-iżvelar legali ta' sigrieti kummerċjali u eċċezzjonijiet*

1. Il-ksib ta' sigrieti kummerċjali għandu jiġi meqjus bħala legali meta jinkiseb permezz ta' wieħed mill-metodi li ġejjin:

   (a) skoperta jew kreazzjoni indipendenti;

   (b) osservazzjoni, studju, żarmar jew test ta' prodott jew oġġett li jkun sar disponibbli għall-pubbliku jew li huwa legalment fil-pussess tal-akkwirent tal-informazzjoni li huwa liberu minn kwalunkwe dmir **validu** biex jiġi limitat il-ksib tas-sigriet kummerċjali;

   (c) kwalunkwe prattika oħra li, fiċ-ċirkostanzi, hija konformi ma' prattiċi kummerċjali onesti.

1a. Il-ksib, l-użu u l-iżvelar ta' sigrieti kummerċjali għandhom jitqiesu bħala legali sal-punt li tali ksib, użu jew żvelar huma meħtieġa jew permessi mid-dritt tal-Unjoni jew dik nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni għall-miżuri, l-proċeduri u r-rimedji stipulati f'din id-Direttiva **jiġu** miċħuda meta l-allegat ksib, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali twettaq fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

   (a) biex isir użu leġittimu mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni;

(b) għall-iskop tinkixef il-kondotta ħażina, għemil ħażin jew attività illegali, sakemm l-allegat ksib, użu jew żvelar ta' sigriet kummerċjali kien meħtieġ għal dik ir-rivelazzjoni u li l-intimat aġixxa fl-interess pubbliku;

(c) is-sigriet kummerċjali ġie żvelat mill-ħaddiema lir-rappreżentanti tagħhom bħala parti minn eżerċizzju leġittimu tal-funzjonijiet rappreżentattivi tagħhom**, sakemm tali żvelar kien neċessarju għal dak l-eżerċizzju**;

(d) imħassar;

(e) għall-fini tal-protezzjoni ta' interess leġittimu rikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni jew dik nazzjonali.

Kapitolu III

Miżuri, proċeduri u rimedji

TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 5*

*Obbligu ġenerali*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji meħtieġa sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' rimedju ċivili kontra l-ksib l-użu u l-iżvelar illegali, tas-sigrieti kummerċjali.

2. Dawk Il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji **msemmija fil-paragrafu 1** għandhom:

(a) ikunu ġusti u ekwi;

(b) ma jkunux ikkumplikati jew għaljin bla bżonn, jew jinvolvu skadenzi mhux raġonevoli jew dewmien mhux ġustifikat;

(c) ikunu effettivi u dissważivi.

*Artikolu 6*

*Proporzjonalità u l-abbuż ta' litigazzjoni*

1. **I**l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji previsti f'konformità ma' din id-Direttiva **għandhom** jiġu applikati b'mod li:

(a) huwa proporzjonat;

(b) jevita l-ħolqien ta' xkiel għall-kummerċ leġittimu fis-suq intern, **u**

(c) jipprovdi salvagwardji kontra l-abbuż.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq talba mill-intimat, japplikaw miżuri xierqa kif previst fil-liġi nazzjonali, fejn talba dwar il-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta’ sigriet kummerċjali tkun b'mod evidenti bla bażi u l-applikant jinstab li jkun beda l-proċeduri legali b’mod abbużiv jew in mala fede. Dawn il-miżuri jistgħu, kif ikun xieraq, jinkludu **li jingħata kumpens għall-ħsara lill-intimat,** li jiġu imposti sanzjonijiet fuq l-applikant jew jiġi **ordnat** it-tixrid tal-informazzjoni dwar id-deċiżjoni meħuda f'konformità mal-Artikolu 14.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li dawn il-miżuri jiġu trattati fi proċedimenti separati.

*Artikolu 7*

*Perijodu ta' limitazzjoni*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli applikabbli għall-perijodi ta' limitazzjoni għal **talbiet sostantivi jew** għat-tressiq ta' azzjonijiet biex jiġu applikati l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji previsti f’din id-Direttiva. Dawk ir-regoli għandhom jiddeterminaw meta jibda l-perijodu ta' limitazzjoni, it-tul ta' żmien tal-perijodu ta' **limitazzjoni** u ċ-ċirkostanzi li taħthom il-perijodu ta' **limitazzjoni** huwa interrott jew sospiż. It-tul ta' żmien tal-perijodu ta' **limitazzjoni** m'għandux jaqbeż **is-sitt** il-ħames snin.

*Artikolu 8*

*Preservazzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali matul il-kors tal-proċedimenti legali*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet, ir-rappreżentanti tagħhom, l-uffiċjali tal-qorti, xhieda, esperti u kull persuna oħra li tkun qed tipparteċipa fi proċeduri legali dwar il-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali, jew min għandu aċċess għal dokumenti li jiffurmaw parti minn dawk il-proċedimenti legali, m'għandux jitħalla juża jew jiżvela kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jkunu, b'rispons għal **applikazzjoni raġunata kif dovuta mill-** b'rikjesta ġustifikataparti interessata, identifikaw bħala kunfidenzjali u li jkunu saru konxji minnha bħala riżultat ta' tali parteċipazzjoni jew aċċess.

   L-obbligu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jibqa' fis-seħħ wara li jintemmu l-proċedimenti legali. Madankollu, **tali obbligu** ma għandux jibqa' jeżisti fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

   (a) fejn, l-allegat sigriet kummerċjali jinsab li ma jissodisfax ir-rekwiżiti **stabbiliti** fil-punt (1) tal-Artikolu 2 permezz ta' deċiżjoni finali;

   (b) fejn maż-żmien, l-informazzjoni in kwistjoni ssir ġeneralment magħrufa fost jew faċilment aċċessibbli għall-persuni li ġeneralment jitrattaw dik it-tip ta' informazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni debitament raġonata minn parti, jieħdu miżuri speċifiċi meħtieġa biex jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe sigriet kummerċjali jew allegat sigriet kummerċjali użat jew imsemmi matul il-proċedimenti legali li jirrigwardaw il-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali, ta' sigriet kummerċjali. L-Istati Membri jistgħu jippermettu wkoll li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jieħdu tali miżuri fuq inizjattiva tagħhom stess.

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom mill-inqas jinkludu l-possibbiltà:

(a) li jiġi ristrett l-aċċess għal kwalunkwe dokument li jkun fih sigrieti kummerċjali **jew allegati sigrieti kummerċjali** ppreżentati mill-partijiet jew partijiet terzi, b'mod sħiħ jew parzjalment, għal numru limitat ta' persuni, sakemm tal-anqas persuna waħda minn kull parti, **l-avukat jew ir-rappreżentant rispettiv tagħha għall-proċedimenti u l-uffiċjali tal-qorti jingħataw** aċċess sħiħ għal tali dokument;

(b) li jiġi ristrett l-aċċess għal kwalunkwe smigħ, meta s-sigrieti kummerċjali **jew allegati sigrieti kummerċjali** jistgħu jiġu żvelati, u r-reġistrazzjonijiet jew traskrizzjoni korrispondenti tagħhom, lil numru limitat ta' persuni sakemm tal-anqas persuna waħda minn kull parti, **l-avukat jew ir-rappreżentant rispettiv tagħha għall-proċedimenti u l-uffiċjali tal-qorti jingħataw** aċċess sħiħ għal tali smigħ, reġistrazzjonijiet jew traskrizzjoni;

(c) li jagħmlu disponibbli lill-partijiet terzi verżjoni mhux kunfidenzjali ta' kull deċiżjoni ġudizzjarja, li minnhom ikunu tneħħew is-siltiet li jinkludu s-sigrieti kummerċjali.

3. Meta jiddeċiedu dwar l-għoti jew iċ-ċaħda tal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u jivvalutaw il-proporzjonalità tagħha, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom iqisu l-ħtieġa li jiġu żgurati d-drittijiet għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, l-interessi leġittimi tal-partijiet u, fejn xieraq ta' partijiet terzi, u kwalunkwe ħsara potenzjali għal waħda mill-Partijiet, u fejn xieraq partijiet terzi, li jirriżultaw mill-għoti jew ir-rifjut ta' tali applikazzjoni.

4. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont il-paragrafi 1, 2 u 3 għandu jitwettaq f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE.

TAQSIMA 2

MIŻURI PROVIŻORJI U PREKAWZJONARJI

*Artikolu 9*

*Miżuri proviżorji u prekawzjonarji*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq it-talba tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, jordnaw kwalunkwe mill-miżuri proviżorji u prekawzjonarji li ġejjin kontra l-allegat kontraventur:

(a) il-waqfien, jew, skont il-każ, il-projbizzjoni tal-użu jew l-iżvelar tas-sigriet kummerċjali fuq bażi proviżorja;

(b) il-projbizzjoni tal-produzzjoni, l-offerta, jew it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' oġġetti kontraventorji, jew l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew il-ħażna ta' oġġetti kontraventorji għal dawk l-iskopijiet;

(c) il-konfiska jew iċ-ċessjoni ta’ oġġetti suspettati bħala kontraventorji, inklużi oġġetti importati, sabiex jiġu evitati d-dħul u ċ-ċirkulazzjoni tagħhom fis-suq.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu, bħala alternattiva għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, jagħmlu l-kontinwazzjoni tal-allegat pussess użu jew żvelar illegali ta’ sigriet kummerċjali soġġett għall-preżentazzjoni ta’ garanziji maħsuba biex jiżguraw il-kumpens tad-detentur tas-sigriet kummerċjali.

*Artikolu 10*

*Kondizzjonijiet ta' applikazzjoni u salvagwardja*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom, fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 9, l-awtorità li jitolbu lill-applikant jipprovdi evidenza li tista' titqies raġonevolment disponibbli sabiex jissodisfaw ruħhom b'livell suffiċjenti ta' ċertezza li sigriet kummerċjali jeżisti, li l-applikant huwa d-detentur tas-sigriet kummerċjali u li s-sigriet kummerċjali nkiseb illegalment, li sigriet kummerċjali qed jiġi użat u żvelat illegalment, jew li l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta’ sigriet kummerċjali huwa imminenti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeċiedu li jagħtu jew jiċħdu l-applikazzjoni u jivvalutaw l-proporzjonalità tagħha, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu meħtieġa li jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ. Din il-valutazzjoni għandha tinkludi, fejn xieraq, il-valur tas-sigriet kummerċjali, il-miżuri meħuda biex jiġi protett is-sigriet kummerċjali jew fatturi speċifiċi oħra tas-sigriet kummerċjali, kif ukoll l-imġiba tal-intimat biex jikseb, juża jew jiżvela s-sigriet kummerċjali, l-impatt tal-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali, l-interessi leġittimi tal-partijiet u l-impatt li l-għoti jew rifjut tal-miżuri jista' jkollu fuq il-partijiet, l-interessi leġittimi tal-partijiet terzi, l-interess pubbliku u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li miżuri proviżorji msemmija fl-Artikolu 9 huma revokati jew inkella jieqfu milli jidħlu fis-seħħ, fuq talba tal-intimat, jekk:

(a) l-applikant ma jibdiex proċedimenti li jwasslu għal deċiżjoni dwar il-meriti tal-każ quddiem l-awtorità ġudizzjarja kompetenti, f'perjodu raġonevoli ta' żmien determinat mill-awtorità ġudizzjarja li tordna l-miżuri meta liġi ta' Stat Membru tippermetti dan jew, fin-nuqqas ta' tali determinazzjoni, fi żmien mhux aktar minn 20 ġurnata tax-xogħol jew 31 jum kalendarju, liema minnhom ikun l-itwal;

(b) sadanittant, it-tagħrif inkwistjoni m'għadux jissodisfa r-rekwiżiti tal-punt (1) tal-Artikolu 2, għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lill-intimat.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jagħmlu l-miżuri proviżorji msemmija fl-Artikolu 9 soġġeti għal preżentazzjoni mill-applikant ta' sigurtà adegwata jew assigurazzjoni ekwivalenti intiża biex tassigura il-kumpens mingħajr preġudizzju soffert mill-intimat jew kwalunkwe persuna oħra milquta mill-miżuri.

5. Fejn il-miżuri interim huma revokati fuq il-bażi tal-punt (a) tal-paragrafu 3, fejn dawn jiskadu minħabba kwalunkwe att jew omissjoni mill-applikant, jew fejn sussegwentement jinstab li ma kien hemm l-ebda akkwist, żvelar jew użu illegali ta’ sigriet kummerċjali jew theddid ta’ kondotta bħal din, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandu jkollhom l-awtorità sabiex jordnaw lill-applikant, fuq talba tal-intimat jew ta’ parti terza danneġġjata, biex jipprovdi lil-intimat, jew il-parti terza danneġġata, b'kumpens xieraq għal kwalunkwe dannu kkawżat minn dawk il-miżuri.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li dawn il-miżuri jiġu trattati fi proċedimenti separati.

## TAQSIMA 3
## MIŻURI LI JIRRIŻULTAW MINN DEĊIŻJONI DWAR IL-MERTI TAL-KAŻ

### *Artikolu 11*
### *Inġunzjonijiet u miżuri korrettivi*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja li ssib ksib, użu jew żvelar illegali ta’ sigriet kummerċjali, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq talba tal-applikant jordnaw kontra l-kontraventur:

(a) il-waqfien, jew, skont il-każ, il-projbizzjoni tal-użu jew l-iżvelar ta’ sigriet kummerċjali;

(b) il-projbizzjoni tal-produzzjoni, l-offerta, jew it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' oġġetti kontraventorji, jew l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew il-ħażna ta' oġġetti kontraventorji għal dawk l-iskopijiet;

(c) l-adozzjoni tal-miżuri korrettorji xierqa fir-rigward tal-oġġetti kontraventorji.

2. Il-miżuri korrettivi msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandhom jinkludu

(a) imħassar

(b) is-sejħa lura tal-oġġetti kontraventorji mis-suq;

(c) li l-prodotti kontraventorji titneħħielhom il-kwalità kontraventorja tagħhom;

(d) il-qerda tal-oġġetti kontraventorji jew, fejn xieraq, l-irtirar tagħhom mis-suq, sakemm din l-azzjoni ma ddgħajjifx il-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali in kwistjoni;

(e) il-qerda totali jew parzjali ta' kull dokument, oġġett, materjal, sustanza jew fajl elettroniku li fihom jew li jimplimentaw is-sigriet kummerċjali jew, skont il-każ, l-għoti uffiċjali lill-applikant tad-dokumenti, l-oġġetti, il-materjali, is-sustanzi u l-fajls elettroniċi kollha jew parti minnhom.

3. L-Istati Membri **jistgħu jipprevedu** li, meta jordnaw l-irtirar tal-prodotti kontraventorji mis-suq, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw, fuq it-talba tad-detentur tas-sigriet kummerċjali, li l-prodotti jiġu kkonsenjati lid-detentur jew lil organizzazzjonijiet tal-karità.

4. L-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jordnaw li l-miżuri msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 jitwettqu bl-ispejjeż għal min ikun kiser id-drittijiet, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet partikolari sabiex ma jsirx dan. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe danni li jistgħu jiġġarbu mid-detentur tas-sigriet kummerċjali minħabba l-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali.

*Artikolu 12*

*Kondizzjonijiet tal-applikazzjoni, salvagwardji u miżuri alternattivi*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jikkunsidraw talba għal l-adozzjoni tal-mandati ta' inibizzjoni u miżuri korrettivi previsti fl- Artikolu 11 u l-valutazzjoni tal-proporzjonalità tagħhom, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom ikunu meħtieġa li jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ. Din il-valutazzjoni għandha tinkludi, fejn xieraq, il-valur tas-sigriet kummerċjali, il-miżuri meħuda biex jiġi protett is-sigriet kummerċjali jew fatturi speċifiċi oħra tas-sigriet kummerċjali, kif ukoll l-imġiba tal-intimat biex jikseb, juża jew jiżvela s-sigriet kummerċjali, l-impatt tal-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, l-interessi leġittimi tal-partijiet u l-impatt li l-għoti jew rifjut tal-miżuri jista' jkollu fuq il-partijiet, l-interessi leġittimi tal-partijiet terzi, l-interess pubbliku u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali.

Meta l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jillimitaw id-dewmien tal-miżura msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11(1), dan iż-żmien għandu jkun biżżejjed biex jelimina kwalunkwe vantaġġ kummerċjali jew ekonomiku li l-kontraventur seta' jikseb mill-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11(1) huma revokati jew inkella jieqfu milli jidħlu fis-seħħ, fuq talba tal-intimat jekk sadanittant l-informazzjoni in kwistjoni ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-punt (1) tal-Artikolu 2 għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lill-intimat.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li, fuq talba tal-persuna responsabbli li tkunu soġġetta għall-miżuri previsti fl-Artikolu 11, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tista' tordna kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti danneġġjata minflok ma jiġu applikati dawk il-miżuri jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-persuna kkonċernata fil-mument tal-użu jew l-iżvelar **ma kinux jafu jew**la kienet taf u lanqas kellha raġuni, taħt iċ-ċirkostanzi, biex tkun taf li s-sigriet kummerċjali kien miksub minn persuna oħra li kienet qed tuża jew tiżvela sigriet kummerċjali b'mod illegali;

(b) l-eżekuzzjoni tal-miżuri inkwistjoni tikkawża lill-persuna dannu sproporzjonat;

(c) kumpens pekunjarju lill-parti danneġġata tidher li hi raġonevolment sodisfaċenti.

Meta jkun ġie ordnat kumpens pekunjarju minflok l-ordni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11 (1), tali kumpens pekunjarju ma għandux jaqbeż l-ammont ta' royalties jew miżati li kienu jkunu dovuti, li kieku dik il-persuna kienet talbet awtorizzazzjoni biex tuża s-sigriet kummerċjali in kwistjoni, għall-perjodu ta' żmien li matulu l-użu tas-sigriet kummerċjali seta' ġie projbit.

*Artikolu 13*

*Danni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti, fuq applikazzjoni tal-parti danneġġjata, jordnaw lill-kontraventur li kien jaf jew li messu kien jaf li hu jew hi kien/et qed j/tagħmel il-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, li jħallsu lid-detentur tas-sigriet kummerċjali id-danni xierqa għall-ħsara attwali mġarrba b'riżultat tal-kontravvenzjoni.

**F'konformità mal-liġi u l-prassi nazzjonali tagħhom,** l-Istati Membri jistgħu **jillimitaw tadotta** regoli li jirrestrinġu ir-responsabbiltà għad-danni ta' impjegati lejn min iħaddimhom għall-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali ta' sigriet kummerċjali ta' min iħaddem meta jaġixxu mingħajr intenzjoni.

2. Meta jiġu stabbiliti d-danni f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jikkunsidraw il-fatturi xierqa kollha, bħall-konsegwenzi negattivi ekonomiċi, li jinkludu qliegħ mitluf, li l-parti li sarulha d-danni, xi profitti inġusti li saru mill-kontraventur u, f'każijiet xierqa, elementi barra fatturi ekonomiċi, bħall-preġudizzju morali ikkawżat lid-detentur tas-sigriet kummerċjali bil-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigriet kummerċjali.

Madankollu, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu ukoll, skont il-każ jifissaw id-danni bħala somma li titħallas f'daqqa fuq il-bażi ta' elementi bħal minimu tal-ammont tar-royalties jew tat-tariffi li kieku kienu jkunu dovuti jekk il-persuna li għamlet il-ksur talbet awtorizzazzjoni sabiex tuża s-sigriet kummerċjali in kwistjoni.

*Artikolu 14*

*Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji*

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, fil-proċedimenti legali istitwiti għall-ksib, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw, fuq it-talba tal-applikant u jħallas il-kontraventur, miżuri xierqa għat-tixrid tal-informazzjoni li tikkonċerna d-deċiżjoni, li jinkludi l-pubblikazzjoni tagħha sħiħa jew parti minnha.

2. Kwalunkwe miżura msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tippreserva l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali kif previst fl-Artikolu 8.

3. Biex jiġi deċiż jekk tiġix ordnata miżura msemmija fil-paragrafu 1 u tiġi vvalutata l-proporzjonalità tagħha, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom iqisu jekk l-informazzjoni dwar il-kontraventur tkun tippermetti li tiġi identifikata persuna fiżika u, f'dak il-każ, jekk il-pubblikazzjoni ta' dik l-informazzjoni tkun ġustifikata, b'mod partikolari fid-dawl tal-kriterji li ġejjin: il-ħsara possibbli li tali miżura tista' tikkawża lill-privatezza u r-reputazzjoni tal-kontraventur fil-ksib, l-iżvelar jew l-użu tas-sigriet kummerċjali u l-probabbiltà ta' aktar użu jew żvelar illegali tas-sigriet kummerċjali mill-kontraventur. L-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom iqisu wkoll, fejn adatt, **ċirkostanzi oħrajn, b'mod partikolari** l-valur tas-sigriet kummerċjali u l-impatt tal-**ksib**, l-iżvelar jew l-użu illegali tas-sigriet kummerċjali.

Kapitolu IV

## Sanzjonijiet, rappurtar u dispożizzjonijiet finali

*Artikolu 15*

*Sanzjonijiet għan-nonkonformità mal-obbligi stipulati f'din id-Direttiva*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jimponu sanzjonijiet fuq il-partijiet, ir-rappreżentanti legali tagħhom u kwalunkwe persuna oħra li tonqos jew tirrifjuta li tikkonforma ma' kull miżura adottata skont l-Artikoli 8, 9 u 11.

Is-sanzjonijiet previsti għandhom jinkludu l-possibbiltà li jiġu imposti penali ta' pagamenti rikorrenti f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' miżura adottata skont l-Artikoli 9 u 11.

Is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u diswassivi.

*Artikolu 16*

*L-iskambju ta' informazzjoni u l-korrispondenti*

Bl-għan li ssir promozzjoni tal-koperazzjoni, li tinkludi il-bdil ta' informazzjoni, bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, kull Stat Membru għandu jagħżel korrispondent nazzjonali jew aktar fuq xo kwestjoni li tirrelata ma' l-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija f'din id-Direttiva. Għandha tikkomunika id-dettalji tal-korrispondent(i) nazzjonali lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni.

*Artikolu 17*

*Rapporti*

1. Sa XX XX 20XX [tliet snin wara l-għeluq tal-perijodu ta' traspożizzjoni], l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (trade marks u disinji), fil-kuntest tal-attivitajiet tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, għandha tħejji rapport inizjali dwar xejriet ta' litigazzjoni fir-rigward tal-ksib, użu jew żvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali skont l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Sa XX XX 20XX [erba’ snin wara l-għeluq tal-perijodu ta’ traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha tfassal rapport intermedju dwar l-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva u tissottomettih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport għandu jieħu f’kunsiderazzjoni r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Sa XX XX 20XX [tmien snin wara l-għeluq tal-perijodu ta’ traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha tfassal evalwazzjoni tal-effetti ta’ din id-Direttiva u tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 18*

*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa XX XX 20XX [24 xahar] wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta’ dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri jiddeterminaw kif trid issir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 19*

*Id-dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 20*

*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata
Lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |